# 50 SENA ARĊIPRETALI 1953 ~ 2003

*Kitba ta' Joe Spiteri*

Nhar it-30 ta' Marzu 1953 Mons.Arċisqof Mikiel Gonzi għolla l-parroċċa ta' San Ġorġ Martri għad-dinjità ta' arċipretali. Dan l-unur kien ferm mistħoqq meta nafu li l-parroċċa ta' San Ġorġ kienet ġa parroċċa fl-1436 u kienet taqdi l-bżonnijiet spiritwali tal-poplu fit-territorju kollu ta' Ħal Qormi, territorju li kien jinfirex sa fuq l-għolja Sciberras, illum il-Belt Valletta! Minn din il-parroċċa antika ħarġu parroċċi oħra li huma ta' San Duminku u San Pawl, fil-Belt kapitali ta' Malta, San Publiju fil-Furjana, San Gejtanu tal-Ħamrun, it-Trinita' Qaddisa fil-Marsa u l-aħħar waħda San Sebastjan f'Ħal Qormi stess.

Għalhekk f'din is-sena ċentinarja jaħbat ukoll dan l-avveniment fil-ħajja ta' din il-parroċċa arċimatriċi. Tul iż-żmien il-parroċċa Ġorġjana kellha r-ragħjja spiritwali tagħha li ħadmu kemm għall-ġid spiritwali u anki f'aspetti oħra. Ma nistgħux inkejlu l-ħidmiet spiritwali li kull wieħed għamel u li bla ebda dubju ħalla ġid kbir fost l-erwieħ insara ta' din il-parroċċa. Iżda nistgħu nagħtu ħarsa lejn l-aspett materjali tal-ħidma tagħhom fil-parroċċa tul dawn l-aħħar 50 sena tal-knisja arċipretali tal-Belt Pinto.

Nibdew mill-ewwel arċipriet tal-Parroċċa Ġorġjana, Dun Anton Vella mir-Rabat. Huwa ħa l-pussess ta' kappillan nhar it-18 ta' Novembru 1934.



**Dun Anton Vella**
**Kappillan 1934-1953**
**Arċipriet 1953-1955**

L-ewwel ariċipriet Dun Anton Vella mwieled ir-Rabat ħa l-pussess bħala arċipriet fit-30 ta' Marzu ta' l-1953. Fi żmienu saru diversi opri fil-knisja fosthom il-pittura tal-koppla u l-paviment ta' l-irħam. F'dik is-sena, il-knisja tagħna ġiet imgħollija għad-dinjità arċipretali. Saru wkoll festi kbar speċjali biex ifakkru ċ-ċinkwantenarju mill-martirju u l-glorja ta' San Ġorġ. Fl-1955 laħaq Monsinjur tal-Katidral u miet fil-15 ta' Jannar 1960.



## Dun Ġerard Frendo
## Arċipriet 1955-1978

It-tieni arċipriet Dun Ġerard Frendo twieled Ħal Qormi u ħa l-pussess fis-27 ta' Novembru tal-1955. Fi żmienu, fost ħwejjeġ oħra, sar tibdil strutturali fuq il-parti taċ-ċimiterju l-antik li jmiss mal-knisja. Kienet inżebgħet il-knisja u kienu żdiedu xi mħażen, awla presbiterjali u mużew żgħir għall-antikitajiet tal-knisja. Ġie indurat is-saqaf tal-korsija, tal-kappelluni u n-navi. Saret induratura fl-artali tal-Gandlora u tar-Rużarju, tad-Duluri, u tal-Kunċizzjoni. Saru diversi opri oħra fosthom it-tabernaklu u l-isfera tad-deheb. Fiż-żmien tat-tmexxija tiegħu saru diversi żidied fil-vari tal-Ġimgħa l-Kbira li ħadet ix-xeħta kif nafuha llum. Fi żmien Dun Ġerard ukoll kien inbena ċ-Ċimiterju tar-Resurrezzjoni. Fis-sena 1957 iżżanżnet id-dijadema tad-deheb mastizz għall-istatwa ta' San Ġorġ. Din saret bi flus is-sinjura Carmen Borg u s-sinjorina Carmen Camilleri. Fl-1978 sar Monsinjur tal-Katidral u miet nhar l-24 ta' Diċembru 1994.



## Dun Pawl Attard
## Arċipriet 1978-1981

It-tielet arċipriet kien Dun Pawl Attard imwieled Ħal Qormi stess. Nhar il-5 ta' Frar 1978 ħa l-pussess bħala arċipriet tal-parroċċa tagħna. Kien ta ħajja ġdida lill-ħidma pastorali fil-parroċċa u fi żmienu

kienet infetħet librerija parrokkjali għas-self ta' kotba. Fit-tliet snin li dam ragħaj spiritwali kienu nbidlu xi statwi tal-Ġimgħa l-Kbira u kien inbeda x-xogħol fuq il-bankun u l-bradella artistika għall-vara titulari ta' San Ġorġ. Il-ġbir ta' fondi għall-bankun u l-bradella kien sar mis-Sur Salvu Debono u sħabu.



**Dun Edgar Attard**
**Arċipriet 1981-1987**

Dun Edgar Attard kien ir-raba' arċipriet, imwieled Raħal Ġdid u kien fis-27 ta' Settembru 1981 li ħa l-ħatra tiegħu. Hu kompla fuq proġetti mibdija mill-predeċessur tiegħu. Fis-snin li dam Arċipriet fil-parroċċa tagħna saret iz-zokklatura ta' l-irħam fil-knisja fuq inizjattiva ta' Dun Mikiel Zammit. Dun Edgar ħabrek ukoll biex is-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas jerġa' jiġi amministrat mill-parroċċa ta' San Ġorġ. Fis-sena 1981 kienu saru festi kbar fil-parroċċa arċimatriċi tagħna sabiex jitfakkru l-400 sena mill-bini tal-knisja parrokkjali u 300 sena mill-bini tal-koppla maestuża tagħha mill-perit Malti Lorenzo Gafa'. Fis-sena 1984 saru festi oħra kbar sabiex jitfakkar l-1700 mit-twelid ta' San Ġorġ. Għal din l-okkażjoni l-arċipriet flimkien mal-kleru Qormi kienu stiednu lil-Kardinal Mario Luigi Ciappi li ħa sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi li saru fil-knisja arċipretali. Nhar it-12 ta' Lulju ta' l-istess sena waslet fostna għall-ewwel darba r-relikwija insinji tal-qurriegħa ta' ras San Ġorġ Martri mill-Basilka ta' Velabro f'Ruma. L-Arċipriet Dun Edgar kien iċċelebra l-ġublew tal-fidda tas-saċerdozju tiegħu matul ħidmietu fil-parroċċa tagħna u llum huwa Monsinjur tal-Katidral Metropolita ta' Malta.

## Dun Karm Aquilina
## Arċipriet 1987-1995



Dun Karm Aquilina ħa l-ħatra tiegħu bħala l-ħames arċipriet ta' din il-parroċċa nhar il-25 ta' Ottubru 1987. Ħabrek qatigħ sabiex tinbena l-kappella taċ-ċimiterju kif ukoll iċ-ċentru parrokkjali kbir, attrezzat sewwa għaż-żminijiet tal-lum. Fi żmienu wkoll kien ġie rregalat is-sandli tad-deheb għall-istatwa titulari ta' San Ġorġ fuq inizjattiva tal-Kumitat Festi Esterni. Fl-1991saru festi speċjali biex ifakkru l-250 sena minn meta żżanżnet l-istatwa titulari ta' San Ġorġ, xogħol l-iskultur Qormi Pietru Felici. Fost il-festi kbar li saru, Dun Pawl Genovese kien ġie mqabbad jikteb il-lirika għal Oratorio kbir 'San Ġorġ f'Demmna' u li l-mużika għalih saret mill-maestro di cappella tal-parroċċa Dun Ġwann Galea. Dun Karm ħabbrek sew sabiex nhar il-festa tindaqq il-mużika tal-mibki maestro Ġużeppi Camilleri. Fi żmienu wkoll reġa' nagħqad il-kor parrokkjali "Exsultate Domino", liema kor għadu għaddej fl-attivitajiet matul is-sena sal-lum.



## Dun Frans Abdilla
## Arċipriet 1995-

Dun Frans Abdilla huwa s-sitt arċipriet tal-Matriċi tagħna. Imwieled fir-raħal ċkejken ta' Ħal Kirkop, kien ħa l-pussess tiegħu bħala arċipriet nhar it-18 ta' Frar 1995. Hu baqa' għaddej fuq ix-xogħol mibdi mill-predeċissur tiegħu. Beda x-xogħol fuq il-ġebel tal-knisja kollha minn barra , fuq l-arloġġi tal-ħin u tal-ġurnata u restawr kbir ieħor fuq il-qniepen tal-knisja. Ingħata bidu għar-restawr tal-pittura tal-koppla, inbidlet is-sistema elettrika kollha tal-knisja. Reġa' żeba' u indura l-istess knisja..

Fis-sena 2001 infetħu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet kbar bil-miġja tal-qanpiena l-kbira "Ġorġa" u żdiedet mas-sett eżistenti li kien hemm. Kien twaqqaf kumitat sabiex jitħejjew dawn il-festi speċjali. Il-festi ċentinarji nbdew nhar l-ewwel jum ta' l-avvent, nhar it-30 ta' Novembru 2002, meta waqt il-quddiesa konċelebrata mis-saċerdoti tal-parroċċa flimkien ma' l-arċipriet Dun Frans Abdilla, iżżanżan l-Innu taċ-Ċentinarju, kliem ta' Dun Pawl Genovese u mużika ta' Mro.Joseph Vella. Inbdiet id-drawwa li kull 23 tax-xahar jinġabru għotjiet ta' oġġetti ta' l-ikel fuq l-altar taċ-Ċintura sabiex jingħataw lil xi istituzzjoni tal-karita'. Bħala parti minn dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ċentinarji nhar it-22 ta' April 2003 sar pellegrinaġġ bl-istatwa titulari ta' San Ġorġ mill-knisja parrokkjali għas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas. Nhar it-23 ta' April inkixfet il-pittura restawrata tal-koppla.

Inbeda wkoll ix-xogħol dekorattiv tant mistenni fil-korsija u xogħol tal-bronż fil-kor fuq id-disinni minn id il-Qormi Silvio Pace. Ix-xogħol kollu taż-żebgħa u induratura sar b'mod volontarju minn membri tal-Kumitat Festi Esterni San Ġorġ Martri flimkien ma' parruċċani oħra li meddew għonqhom għax-xogħol kollu li sar fil-knisja. Ġie imfakkar ukoll il-50 sena minn meta l-parroċċa tagħna ġiet mogħtija t-titlu arċipretali nhar it-30 ta' Marzu 1953.

F'Ġunju jilħqu l-qofol tagħhom il-festi ċentinarji. Dawn il-festi kbar jispiċċaw mal-festa ta' Kristu Re, jiġifieri l-aħħar Ħadd tas-sena liturġika.

Ta' min isemmi wkoll li fi żmien Dun Frans Abdilla kien sar pellegrinaġġ bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju mill-knisja parrokkjali għas-Santwarju tal-Madonna tal-Ħlas sabiex titfakkar l-400 sena mit-twaqqif tal-fratellanza tal-Madonna tar-Rużarju. Dun Frans ħabrek ukoll sabiex barra l-ħidma kontinwa kbira li għaddejja fil-parroċċa, ikollna post xieraq sabiex Ġesù Sagramentat ikun espost għal żmien twil matul il-ġranet tas-sena. Għalhekk infetħet il-kappella ta' San Pietru għal dan il-għan. Din tinfetaħ kuljum barra l-Ħadd mill-5.00 ta' filgħodu sal-10.00 ta' bil-lejl. Infetħet ukoll il-kappella ġdida u kbira ddedikata lis-Sagra Familja fejn ta' Farżina flok tar-Ragħaj it-Tajjeb u dik ta' l-Epifanija.